IL-PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Dokument tas-Sessjoni

31 t'Awissu 2007 B6-0313/07

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0051/07
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Manfred Weber u Joseph Daul f'isem il-Grupp PPE-DE, Martine Roure f'isem il-Grupp PSE, Alexander Alvaro f'isem il-Grupp ALDE, Cristiana Muscardini u Roberta Angelilli f'isem il-Grupp UEN
lill-Kummissjoni

Suġġett: Il-Ġlieda kontra t-Terroriżmu

Sa mill-11 ta' Settembru, il-11 ta' Marzu u l-attentati ta' Londra, l-UE adottat Strateġija ta' l-UE ta' kontra t-Terroriżmu, Pjan ta' Azzjoni ta' l-UE ta' kontra t-Terroriżmu, deċiżjoni ta' Qafas dwar it-terroiżmu u diversi inizjattivi li jsaħħu l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u bejn dawn ta' l-aħħar u l-Istituzzjonijiet Ewropej bl-appoġġ tal-Koordinatur ta' kontra t-Terroriżmu ta' l-UE.

Fil-livell interistituzzjonali ma kien hemm ebda involviment formali tal-PE, iżda l-Kunsill, fl-2006, nieda 'd-Djalogu Politiku ta' Livell Għoli dwar il-Kontro-Terroriżmu bejn l-Istituzzjonijiet Ewropej ewlenin involuti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu', li jenfasizza l-importanza tar-responsabbilizzazzjoni demokratika.

Fil-livell amministrattiv diġà kien hemm żewġ evalwazzjonijiet ta' bejn il-pari bejn l-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija ta' l-Unjoni Ewropea, filwaqt li l-Europol, il-Eurojust u s-SITCEN għadhom kemm bdew il-valutazzjoni tagħhom ta' l-evoluzzjoni tat-theddida fil-livell Ewropew.

Issa jidher li minkejja l-inizjattivi kollha msemmija hawn fuq, l-UE sa minn dak iż-żmien esperjenzat numru ta' attentati ta' attakki terroristiċi, li wasslu għal numru ta' mistoqsijiet:

1. Il-Kummissjoni Ewropea għandha intenzjoni li tagħmel, bl-involviment tal-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, evalwazzjoni komprensiva tal-miżuri kontro-terroristiċi kollha adottati s'issa kif ukoll valutazzjoni ta' l-effettività u tal-livell ta' implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri? U kif ser jiġu assoċjati l-Istati Membri?

2. Il-Kummissjoni kif għandha l-intenzjoni li tegħleb in-nuqqasijiet mqajma fl-aħħar rapport ta' l-Europol-SITCEN dwar it-terroriżmu u li tixtarr it-tweġibiet ta' l-MS għall-kwestjonarju ta' l-Eurojust ta' l-2006 dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Qafas dwar it-terroriżmu?

3. Liema miżuri oħra ġew adottati iżda mhux implimentati b'mod korrett? Minn min, u għal liema raġunijiet?

4. Il-Kummissjoni issa ser tiffoka fuq l-implimetnazzjoni tal-miżuri attwali, jew hemm xi proposti attwali maħsuba?

5. Il-Kummissjoni kif tevalwa il-qsim ta' l-informazzjoni fost l-Istati membri u l-Unjoni Ewropea f'dan il-kuntest? Il-Kummissjoni taqbel li tinħtieġ aktar fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet ta' l-UE u s-servizzi ta' l-infurzar tal-liġijiet u dawk ta' kontra t-terroriżmu ta' l-UE? Liema qafas legali qed taħseb dwaru l-Kummissjoni għal dawn il-formazzjonijiet, u liema rwol għandu jingħata, f'dan il-kuntest, lis-SITCEN bħala għodda ta' monitoraġġ u koordinazzjoni fl-investigazzjoni tat-terroriżmu?

6. Meta tqis ir-riżenja tas-Sur de Vries fi Frar 2007, il-Kummissjoni temmen li l-irwol tal-Koordinatur ta' kontra t-terroriżmu ta' l-UE għandu jinżamm, u b'liema mandat?

7. Il-Kummissjoni kif għandha l-intenzjoni li ssaħħaħ l-aċċettazzjoni min-naħa taċ-ċittadini ta' l-UE ta' l-istrateġija ta' kontra t-terroriżmu, it-trasparenza u r-responsabilizzazzjoni demokratika u l-involviment tal-Parlament Ewropew? Il-Kummissjoni ser jiżgura r-rispett ta' Artikolu 6 tat-Trattat UE?

8. Dwar l-involviment ta' pajjiżi terzi, wara s-samit ta' bejn l-UE u l-Istati Uniti f'April 2007, il-Kummissjoni x'intenzjoni għandha li tiżviluppa l-koperazzjoni transatlantika sabiex tiġġieled it-terroriżmu u l-kriminalità? Dan ser isir permezz ta' metodi konformi ma' Artikolu 6 tat-Trattat UE u bl-evoluzzjonijiet maħsuba fl-IGC li jmiss, kif rakkomandat ukoll mir-riżoluzzjoni tal-PE dwar l-allegat użu ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasportazzjoni u d-detenzjoni illegali tal-priġunieri?